**MALTA**
**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat Dr Simone Grech LL.D.**

**Seduta tas-6 ta' Frar 2019**

**Il-Pulizija**
**vs**

**Roderick Vella**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi dedotti kontra Roderick Vella, bil-karta ta' l-identita' numru 249085M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

*"Talli fix-xhur ta' bejn Mejju u Ottubru 2017, minn garage, gewwa Lilian House, Tirq il-Katakombi, Naxxar,*

1. *minghajr il-hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex tezercita dritt li tippretendi li ghandek, gieghelt bl-awtorita' tieghek innifsek lil xi xi hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkilt lil Emanuel Borg, Tiziana Sammut Borg u Rudolph Sammut fil-pussess ta' hwejjgu b' xi mod iehor kontra il-ligi jew indhalt fi hwejjeg ta' haddiehor.*

*Il-Qorti hija gentilment mitluba li f' kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-akkuza tiffigura l-offiza tar-ragion fattasi ai termini ta' l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan l-artikolu jghid hekk:

*85. Kull min, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, igieghel, bl-awtorita tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew ihott bini, jew jikser il-mixi ta' l-ilma jew jiehu l-ilma ghalih, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, jindahal fi hwejjeg haddiehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn xahar sa tliet xhur:*

*Izda, il-qorti tista' fid-diskrezzjoni taghha, minflok il-piena hawn fuq imsemmija, taghti l-piena tal-multa.*

Fil-Liġi Maltija, l-elementi ta' dan ir-reat kif imħadna fil-ġurisprudenza Maltija jirriflettu l-analiżi tal -ġurista Taljan Francesco Carrara fil-kitba tiegħu Esposizioni dei Delitti in specie – parte speciale del Programma del corso di diritto criminale, Volum 5, Lucca, 1868, fejn, f'pagna 487, para 2850 itenni l-elementi ta' dan ir-reat bħala:

*"1.o Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo*

*2.o Credenza di far quest'atto in esercizio di un diritto*

*3.o Coscienza di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati*

*4.o Mancanza di titolo piu' grave."*

Fis-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Spiru Bartolo nhar id-disgha (9) ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006) intqal hekk:

*"Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta l-elementi kostituttivi tar-reat ta' "ragion fattasi" taht l-art.85 tal-Kodici Kriminali huma erbgha u cioe' :-*

*(a) att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li tkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra loppozizzjoni, espressa jew prezunta, ta' dan il-hadd iehor;*

*(b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt ;*

*(c) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel "di privato braccio" dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika ; u*

*(d) n-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi. (Ara. App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel maghruf bhala Charles Farrugia"[17.2.95] ; "Il-Pulizija vs. Reno Micallef"[6.6.95] ; "Il-Pulizija vs. Mark John Schembri"[18.9.2002] u ohrajn)."*

Ta' l-istess portata kienet id-decizjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Mario Lungaro fit-18 ta' Novembru 1996:

*"Biex jikkonfigura ruhu r-reat ta' ragion fattasi, iridu jikkonkorru dawn l-elementi: "(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra lopposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor; (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt; (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Farrugia, App. Krim. 17 ta' Frar, 1995; Il-Puliziia v. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., Annotazioni alle Leggi Criminali (Malta), 1872, p. 123)."*

*Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' ragion fattasi jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' ragion fattasi jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".*

Din il-Qorti tqies illi fil-kliem tal-ligi nfisha biex jissussisti r-reat tar-ragion fattasi jinhtieg li l-imputat "*ifixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu.*" Fi kliem iehor jinhtieg att estern li jispolja lil haddiehor minn oggett li jkun qieghed igawdi. Jekk il-pussess ikun diga' qieghed ghand l-imputat u l-imputat jaghzel li jzomm dan il-pussess, ma jkun qieghed jaghmel l-ebda att estern li permezz tieghu inehhi l-oggett mill-pussess tat-terz u jimpussessa ruhu minnu. L-imputat ma jkun fixkel lil hadd mill-pussess ta' hwejgu ghax pussess ma jkunx kellu. Fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Eileen Said deciza fid-19 ta' Gunju 2002 il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali spjegat li:

*"Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun gia' ikollu. Hemm bzonn li jkun hemm att pozittiv li jippriva lit-terz, jew ifixklu fil-pussess tal-haga ghax kif jghid il-Carrara (Prog. Parte Speciale Vol 5 para 2850):-*

*'L' atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi e' nell' attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perche' la legge protegge lo "stato quo", il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita' giudiziale."*

Dwar dan il-punt, hemm ukoll dottrina u gurisprudenza Taljana dwar ir-reat ta' ragion fattasi li minnu l-leġislatur Malti kien ġie kjarament ispirat, li tgħallem li ż-żamma jew rifjut ta' konsenja ta' oġġetti per se ma twassalx għal dan ir-reat ta' ragion fattasi. Skont il-Majno, "*E per parita di ragione fu giudicato non costituire delitto di esercizio arbitrario il semplice fatto di trattenere e rifiutarsi a restituire*".(Codice per il Regno d'Italia, Luigi Maino – Libro II, Titolo IV, Art. 235 e 236, Para 1189, fol. 6).

**Ikkunsidrat;**

Mill-provi prodotti, jirrizultaw is-segwenti fatti:

L-imputat inghata inkarigu biex jaghmel xi xogholijiet fi proprjeta' ta' Tiziana Sammut Borg sitwata fi Triq il-Katakombi, Naxxar.

Skont ix-xhieda moghtija mill-parti allegatament leza, l-imputat inghata *generator* sabiex dan ikun jista' jigi supplit b' dawl waqt ix-xogholijiet li kien jaghmel go dan is-sit, izda bl-intendiment illi meta ma jkunx ser jaghmel uzu minn dan il-*generator,* dan jitpogga gewwa garaxx f' Lilian House, Triq il-Katakombi, Naxxar.

Mix-xhieda moghtija fl-affidavit ta' WPS 97 u mix-xhieda moghtija mill-parte civile viva voce, irrizulta li kien hemm zmien fejn ma kinux qed isiru xogholijiet mill-imputat izda l-generator baqa' ghand l-istess imputat.

Irrizulta mix-xhieda moghtija fl-affidavit ta' WPS 97 illi skont ma infurmah Emanuel Borg, il-generator gie uzat sal-24 ta' Mejju 2017. Imbaghad ix-xoghol kien waqaf biex joqghod il-konkos, u rega' beda x-xoghol fis-26 ta' Lulju 2017 sal-31 ta' Awissu 2017. Imbaghad wara l-31 ta' Awissu 2017, ma sar l-ebda xoghol iehor u l-generator gie ritornat lura lil parti leza fis-17 ta' Ottubru 2017.

Saret ukoll allegazzjoni mill-parti allegatament leza illi bejn ix-xahar ta' Awissu u Ottubru 2017, dan il-generator gie osservat li kien sitwat Ta' Sliema gewwa l-van blu ta' l-imputat. Izda dwar dan, ma tressqux provi li jikkorraboraw tali allegazzjoni.

Mill-banda l-ohra l-imputat insista li huwa kien jutilizza l-generator waqt ix-xogholijiet fil-post ta' Tiziana Sammut Borg biss u li kien jpoggi l-generator gewwa l-vann tieghu peress li ma setax ihallih fis-sit in kwistjoni ghax dan is-sit kien ghadu qed jinbena. Fl-affidavit ta' WPS 97, l-imputat gie mnizzel li qal li huwa kien ghamel xogholijiet fit-12 ta' Settembru 2017 kif ukoll fis-7 ta' Ottubru 2017 izda, peress li ma giex imhallas l-ammonti dovuti, huwa kien zarma kollox u waqaf jahdem fis-sit. Irrizulta li kien baghat ittra legali lil Rudolph Sammut u Tiziana Sammut Borg fit-13 ta' Ottubru 2017 fejn talab li jigi mhallas fl-intier (Dok RV2 ezebita fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2019).

Il-Qorti qieset diversi fatturi li wassluha ghal konkluzzjonijiet taghha illi l-akkuza ta' raggion fattasi ma gietx sodisfacentement ippruvata lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Dan ghal diversi ragunijiet:

Fl-ewwel lok, hemm it-trapass twil ta' zmien li ghadda sabiex sar dan ir-rapport mill-parti leza. Irrizulta mill-affidavit ta' WPS 97 u anke mir-rapport ezebit bhala RV1 fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2018, illi r-rapport mill-parti allegatament leza sar fl-24 ta' Lulju 2018. Il-generator kien gie ritornat fis-17 ta' Ottubru 2017. L-ilment huwa li l-generator gie uzat mill-imputat u ma thalliex fil-post indikat lilu bejn Mejju u Ottubru 2017. Ghalhekk, meta sar ir-rapport kienu ghaddew disa' xhur.

Fit-tieni lok, jidher li din il-kwistjoni nqalghet wara li kien hemm dizgwid bejn il-partijiet. Dan jirrizulta mill-kontenut tal-ittra legali

ezebita bhala Dok RV2 fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2019 kif ukoll mill-affidavit ta' WPS 97 li fih gie mnizzel li Emanuel Borg kien infurma lil pulizija li diga' kien xi kaz iehor il-Qorti. Kien wara dawn il-kwistjonijiet, li l-parte leza ghamlu rapport fejn allegaw li l-generator ma kienx qed jithalla mill-imputat fil-post indikat minnhom.

Fit- tielet lok, irrizulta li l-imputat irritorna l-generator meta gie hekk mitlub li jirritornah mill-parti leza, u dana fi zmien ferm qabel ma' sar ir-rapport mill-parti allegatament leza mal-pulizija.

Fir-raba' lok, ma gewx ippruvati mill-prosekuzzjoni it-tieni u t-tielet elementi rikjesti biex tissussisti din l-imputazzjoni, ossija ma ngabux provi dwar il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt u l-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel "di privato braccio" dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika.

Fil-hames lok, hemm konflitt fil-verzjonijiet moghtija peress li l-imputat insista li huwa qatt ma gie muri post fejn kellu jhalli l-generator izda kellu permess minghand Emanuel Borg u Tiziana Sammut Borg sabiex il-generator jiehdu d-dar u jzommu fil-van tieghu. Mill-banda l-ohra, il-parti allegatament leza sostniet li l-imputat kien gie muri post fejn kellu jhalli l-generator u li dan qatt ma hallih hemm. Din il-Qorti taraha inverosimili kif il-parte civile qed tilmenta dwar il-fatt li l-imputat kien jiehu l-generator mieghu fil-vann minflok ma' jhallih fil-post hekk indikat minnhom, waqt li fl-istess nifs, dawn hallew disa' xhur biex marru jaghmlu rapport mal-pulizija u fid-diversi okkazzjonijiet meta l-imputat kien jiehu l-generator fil-vann tieghu, huma qatt ma lmentaw dwar dan. L-imputat kien car fix-xhieda tieghu li qatt ma saru ilmenti mieghu dwar il-fatt li l-generator kien qed jitpogga gewwa l-vann tieghu u addirittura kienet l-istess parte civile li kienet timla l-generator bil-fuel. Certament li kieku b' xi mod il-parte civile kienet qed thoss li qed tigi ppregudikata mill-pussess taghha tal-generator, kienet tieqaf taghti l-fuel lil dan il-generator jew ta' l-anqas tilmenta ma' l-imputat li l-generator kellu jithalla f' post indikat.

Finalment, jibqa' l-fatt krucjali li l-allegat generator kien fil-pussess ta' l-imputat sa minn mindu beda l-inkarigu moghti lilu f' April 2017 u imbaghad gie ritornat fis-17 ta' Otturbu 2017. Ma hemmx agir li jammonta ghal spussessament ta' hwejjeg li kienu fil-pussess tal-parte

civile. Li ghamel semmai l-imputat kien li zamm f' idejh hwejjeg li kienu fil-pussess tieghu u mhux li nehhihom mill-pussess tal-parte civile. Skont il-Maino fuq citat, dan ma jwassalx ghall-estremi tar-reat ta' ragion fattasi.

**Decide**

Ghaldaqstant, din il-Qorti wara li rat l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi ma ssibx lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet imressqa fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull kundanna u htija.

**Dr Simone Grech**
**Magistrat**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**